MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 19/2010

**Motor Services Ltd**

**vs**

**Transport Malta**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta’ Marzu, 2010 il-Bord ta’ l-Appelli dwar it-Trasport ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Bord;
>
> Ra l-appell.
>
> Ra d-dokumenti u sema’ x-xhieda.
>
> Ikkonsidera

> Illi s-socjeta` appellanti naqset li tipproduci x-xhieda taghha wara dik sottomessi minn TM.
>
> Mhux hekk biss, izda r-rapprezentant taghha naqset li tattendi ghas-seduti. L-appell gie promoss minnha.
>
> Il-Bord jichad l-appell.”

Is-socjeta` rikorrenti appellat minn din is-sentenza tal-Bord ta’ l-Appelli bl-aggravji minnha kwalifikati bhala punt ta’ ligi f’dawn it-termini:-

1. Ir-rapprezentant taghha ma attendiex ghas-seduta tas-17 ta’ Marzu, 2010 ghaliex dakinhar kienet imsiefra;
2. F’kull kaz, il-Bord naqas milli jidhol fil-mertu tal-gravami sottoposti lilu u, konsegwentement, la ma ghamelx l-evalwazzjoni tal-provi li kienu tressqu, ma setax jasal ghall-konkluzjoni gusta;

L-ewwel osservazzjoni li jokkorri taghmel din il-Qorti hija din. Biex ikun ammissibbli l-appell interpost ghandu jirrizulta qabel kollox illi dan ikun gie propost fit-terminu statutorju stabbilit mil-ligi. Issa hu dispost mir-regolament 10 tat-Tieni Skeda ta’ l-Att dwar l-Awtorita` tat-Trasport (Kapitolu 332) illi “jekk l-appellant jew l-Awtorita`, skond ma jkun il-kaz, ma jaqblux ma’ xi punt ta’ ligi deciz mill-Bord ta’ Appelli, huma jistghu jappellaw quddiem il-Qorti ta’ l-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri) b’rikors ipprezentat fi zmien tletin gurnata minn meta tkun inghatat id-decizjoni tal-Bord ta’ Appelli”;

Fil-kaz prezenti d-decizjoni li minnha gie intavolat l-appell inghatat mill-Bord ta’ l-Appelli fis-17 ta’ Marzu 2010. Ghall-kuntrarju l-appell gie pprezentat fit-23 ta’ April, 2010, u allura ben oltre t-terminu statutorju utli ta’ tletin (30) gurnata. Minn dan jinzel comb fuq is-socjeta` appellanti illi l-appell taghha hu *fuori termine* u, allura, destinat li jarena ruhu fuq l-iskoll procedurali tad-dekors taz-zmien;

Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tikkumenta f'bosta decizjonijiet taghha fuq appelli minn sentenzi ta' tribunali diversi, jekk it-terminu processwali ma jigix *ad unguem* rispettat, l-att ta' l-appell ma jistax, ghal dak li hu t-terminu ghall-proposizzjoni tieghu, jigi prorogat. Dan ghal raguni illi t-termini ghall-impunjattiva ta' sentenzi moghtija fl-ewwel istanza huma meqjusa bhala perentorji u inkwadrabbli fl-istitut generali tad-dekadenza. Jikkonsegwi, ghaldaqstant, illi termini ta' din ix-xorta jiddekorru bil-fatt materjali tat-trapass taz-zmien, bla possibilita` ta' proroga, sospensjoni jew interruzzjoni, hlief fil-kazijiet espressament prevvisti mil-ligi. Ad ezempju, fejn l-ahhar jum ta' l-iskadenza hi wahda ta' btala pubblika. Dan hawnhekk ma huwiex il-kaz, ghaliex anke ukoll jekk ma jinghaddux fit-terminu l-granet tal-Ghid il-Kbir, xorta wahda l-appell gieipprezentat oltre t-terminu prefiss;

In vista ta' din il-pregudizzjali, il-Qorti hi prekluza milli tistharreg il-motivi ta' aggravji, anke jekk uhud minnhom huma apparentement gustifikati, trattasi li l-Bord ta' Appelli, mhux biss ma hax kura li jara li ssir it-traskrizzjoni tax-xhieda li nghatat (dik ta' Melvyn Zammit, *tester* tas-socjeta` appellanti; fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2009), talli skarta ghal kollox din il-prova u lanqas indenja ruhu jirrifletti u jikkummenta dwarha. Dan hu ferm il-boghod minn dik ir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja li kienet tesigi mill-Bord illi s-sentenza tieghu tkun almenu bazata fuq ix-xhieda li lahqu nstemghu, u mhux sempliciment definiti *in abstracto* jew *short cut* ghaliex ir-rapprezentanti tas-socjeta` appellanti naqset li tidher fl-ahhar seduta mizmuma;

Sfortunatament ghas-socjeta` appellanti, ukoll jekk il-Qorti tirrikonoxxi illi s-sentenza mhix sostanzjalment gusta u ekwa, kif mit-termini ta' l-Artikolu 31 (14) ta' l-Att mahsub, din il-Qorti ma ghandhiex ghazla ohra hlief li tippronunzja l-irritwalita ta' l-appell ghal dik ir-raguni l-ohra predetta ta' l-inosservanza tat-terminu fatali ghall-proposizzjoni ta' l-appell.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` appellanti billi tiddikjarah irritwali u null in kwantu *fuori termine.* L-ispejjez relattivi tieghu jitbatew mill-istess socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------